MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' April, 2015

Numru. 510/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**George Spiteri**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Kumpilazzjoni Numru: 510/2012**

**Illum, 14 ta' April 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat George Spiteri, iben missier mhux maghruf u Salvina Schembri xebba Spiteri mwieled nhar il-15 ta' Ottubru 1959 gewwa Valletta, jirrisjedi gewwa l-fond 59, Marlene, Triq Luqa Briffa, Gzira detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 27360M:

Talli fl-1 ta' April 2012 ghall-habta tas-seba w nofs ta' filghodu f'dawn il-Gzejjer b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' George Sottom u dan waqt li kien qed isuq u/jew kellu taht il-kontroll tieghu vettura tal-ghamla Kia ta' kulur abjad bin-numru tar-registrazzjoni GAT-196.

Ukoll talli sar recediv permezz ta' sentenza moghtija lilu minn Magistrat Dr S. Demicoli LL.D nhar id-29 ta' Novembru 2007 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mnaqqsa jew mibdula.

F'kaz ta' sejbien ta' htija din il-Qorti hija mitluba tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ta' George Spiteri ghal zmien li jidhrilha xieraq skont il-Ligi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat li involontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq George Sottom waqt li kien qieghed isuq il-vettura tieghu.

Illi l-Ispettur Saviour Baldacchino xehed li fl-1 ta' April 2012 ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghodu il-pulizija tal-Msida kienu infurmati li kien ghadu kemm kien sehh incident fi Triq Princess Margaret kantuniera ma' Triq Testaferrata, Ta' Xbiex fejn kien hemm vettura li laqtet *pedestrian.* Il-Pulizija accedew fuq il-post u s-Surgent 1575 Robert Fava sab lil George Sottom fuq il-post li kien ghadu kif intlaqat minn vettura Registrazzjoni numru GAT 196 li kienet misjuqa mill-imputat.

Il-versjoni li ta l-parte leza kienet li huwa kien qieghed jaqsam it-triq u malli kien f'nofs it-triq intlaqat minn karozza. L-imputat min-naha tieghu ddikjara li huwa kien se jdur u malli dar sab il-persuna ma' wiccu. Il-pulizija ghaddilhom hsieb li x-xufier seta' kien taht l-influwenza tax-xorb u ghamlulu l-breathalyser test li rrizulta fin-negattiv.

Illi l-parte leza baqghet ma gietx prodotta bhala xhud billi ma giex rintraccat.

Mill-atti jirrizulta certifikat mediku[1] mahrug minn Dr Marquita Camilleri debitament ikkonfermat minnha minn fejn jirrizulta li l-pazjent bl-isem ta' Thomas Sottom garrab griehi gravi. Mill-istess rapport ezebit mill-prosekuzzjoni tirrizulta wkoll divergenza fl-isem tal-parte leza ghaliex f'parti jissemma bhala George u f'parti ohra bhala Thomas Sottom.

Illi l-imputat ghazel ukoll li jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa xehed li dakinhar tal-incident huwa li kien qieghed isuq wara l-*ground* tal-Gzira direzzjoni lejn il-Belt. Kien hemm *stop sign* mal-art u huwa waqaf. Huwa kien bil-handbrake f'idu u beda jhares lejn it-telgha tal-Ghassa biex jara jekk kienux gejjin karozzi u kif beda jnizzel il-handbrake u se jibda jaqla' sab lill-parte leza fuq il-bonnet tal-karozza. Dan baqa' jdur fuq il-bonnet. L-imputat jixhed li huwa ma saqx u peress li kien ghadu wieqaf ra kif ghamel biex ghen lill-parte leza.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti tqis li l-imputazzjoni ma gietx sodisfacjentement ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi. Mill-provi jirrizulta li kien il-pedestrian li qabad u qasam bl-addocc u b'hekk hasad lill-istess imputat li bl-ebda mod ma seta' jevita l-akkadut. Ma rrizultax li l-imputat kien kien traskurta fis-sewqan u lanqas li kiser xi regolamenti tat-traffiku.

Illi in vista ta' dan l-addebitu tar-recediva ma jistax jirrizulta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hat ital-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.

[1] A fol 9 tal-process

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------